RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 15**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 8 ta' Novembru 2011 fis-6.30 p.m.**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Chairperson | |
| Is-Sur Anthony Grixti Soler | Vici-Chairperson | 7.05 p.m. |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru | |
| Is-Sna. Cecilia Bonello | Membru | |
| Is-Sna. Etienne Stephania Gatt | Membru | |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Ezekuttiv | |

Il-laqgha bdiet fis-6.35 p.m.

**1.00 Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A14**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 14 tal-Kumitat Aministrattiv ta' tal-Virtu' jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Christopher Farrugia. Qari u Korrezzjoni tal-Minuti A14

1.02 Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello rrimarka li f'minuta nru 3.01.3 il-kelma 'din' trid tinbidel u ssir 'dan'.

1.03 Ic-Chairperson, is-Sur Lino Pace Bonello talab li minuta numru 3.01.5 il-kelma 'attent' trid tinbidel u minnflok jitnizzel 'too cautious'.

**2.00 Approvazzjoni tal-Minuti A14**

2.01 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti jigu approvati hekk kif emendati. Issekondat din il-proposta s-Sna. Stephanie Gatt. Approvazzjoni tal-Minuti A14

**3.00 Punti li johorgu mil-Minuti A14** Punti Mqajma

3.01 Ma kien hemm l-ebda punt imqajjem.



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

**4.00 Decizjoni dwar il-Progett tad-Dahla**

4.01.1 Ic-Chairperson is-Sur Lino Pace Bonello qal li x-xewqa tal-Kumitat Amministrattiv kienet li jsir il-Progett tad-Dahla ta' tal-Virtu, pero` jidher li l-Kumitat gie kostrett li jiddependi fuq l-approvazzjoni tal-MEPA. Id-diffikulta issa hi li anke jekk il-MEPA t'approva l-progett, ix-xoghol mhux ser jilhaq jitlesta sat-30 ta' Novembru 2011. Hu nsista li dan il-progett huwa progett ta' 'embellishment' u mhux progett ta' zvilupp, li mieghu hemm abbinat b'mod konkret il-passagg tar-residenti li jghaddu minn fuq din il-bankina kif ukoll it-tnehhija ta' l-arbli tad-dawl.

Decizjoni dwar il-Progett tad-Dahla

4.01.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ser jaghtina cans li naghzlu progett iehor sabiex dawn il-flus allokati ghal dan l-progett ma jintilfux.

4.01.3 Is-Segretarju Ezekuttiv issuggeriet li ssir xorta l-'Full Devevelopment Application' mal-Mepa ghal progett tad-Dahla u dan sabiex kif tiftah skema ohra, il-Kumitat Amministrattiv ikollu diga l-permessi kollha f'idejh sabiex ikun jista` japplika.

4.01.4 Is-Sur Christopher Farrugia ssuggerixxa li minnflok il-progett tad-Dahla, jsir il-kumplament tal-bankini ta' Triq Francesco Azzopardi biex l-20,000 allokati ghall-ewwel skema ma jintilfux. Hu propona ukoll li jekk jifdal il-flus mill-allokazzjoni tal-iskema ssir il-bankina fi Triq Carlo Flamingo, Triq Godwin Ganado u Triq Pietru Caxaru.

4.01.5 Is-Segretarju Ezekuttiv talbet li jittiehed vot dwar din il-proposta. Kulhadd ivvota favur. Il-proposta ghaddiet Nem.Con.

4.01.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li kienet ser taghmel it-talba tal-kumitat lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex minnflok l-progett tad-Dahla ssir l-kumplament tal-bankina ta' Triq Francesco Azzopardi. Hi qalet ukoll li kienet ser titlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex jaghtuna estensjoni biex ix-xoghol fuq il-bankini jkunu jista` jitlesta.

** Il-Profs. Grixti Soler dahal ghal-laqgha fis-7.05 p.m.

**5.00 Il-Bini tal-Hajt fi Triq Godwin Ganado**

5.01 Is-Sur Lino Pace Bonello informa l-laqgha li x-xoghol fuq dan il-hajt waqaf f'nofsu u li x-xoghol kien ilu wieqaf minn Awwissu. Hu kompla billi nforma l-laqgha li wara li saret korrispondenza bejn is-Segretarju Ezekuttiv u l-Perit tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, il-Perit John Schembri, il-perit infurmana li l-MEPA waqqfithom milli jkomplu peress li ma kellhomx permess tal-MEPA. Il-bini tal-hajt fi Triq Godwin Ganado

5.02 Is-Segretarju Ezekuttiv informat il-laqgha li l-Kunsill ma jistghax japplika mal-MEPA ghal dan il-permess, peress li l-hajt qed izomm il-hamrija ta' l-ghelieqi li jaqghu taht id-Dipartiment ta' l-Artijiet u ghaldaqstant l-applikazzjoni trid issir min-naha tal-Gvern.

5.03 Is-Sur Lino Pace Bonello qal li issa dan il-hajt sar perikoluz. Hemm periklu imminenti li jekk taghmel hafna xita, dan il-hajt icedi. Il-Kumitat iddecieda li s-Segretarju Ezekuttiv tikteb lis-Sur Ray Camilleri, CEO tad-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jinfurmawna dwar min ser japplika ghal-permess tal-MEPA.

**6.00 Ricerka dwar il-proprjeta` involuta fil-progett tal-Belvedere**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello talab li s-Segretarju Ezekuttiv ticcekkja mad-Dipartiment ta' l-Artijiet sabiex jigi identifikat ta' min hija l-art in kwistjoni. Huwa sahaq li l-area fejn qeghdin nipproponu li jigi estiz u mwessa l-belvedere huwa kollu blat u ghaldaqstant m'ahniex ser immissu ghelieqi. Il-hsieb hu li l-belvedere ezistenti jigi estiz sal-koppla u jigi nkluz il-Wied ta' l-Isqof ukoll mieghu. Ricerka dwar il-proprjeta` involuta fil-progett tal-belvedere

**7.00 Affarijiet Ohra**

7.01 Is-Sur Lino Pace Bonello irrimarka li ghadu ma ltaqax ma' l-Editur tal-fuljett ir-Rabta u ghaldaqstant talab li ssir laqgha mieghu. Il-fuljett 'Ir-Rabta'

7.01.1 Is-Sindku Sandro Craus issuggerixxa li l-artiklu li se jikteb is-Sur Christopher Farrugia jigi approvat fil-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv qabel ma jaghtih lill-Editur.

** Is-Sindku Sandro Craus hareg mil-laqgha fis-7.30 p.m.

7.01.2 Is-Sur Christopher Farrugia jhoss li l-ewwel artiklu li ghandu jinkiteb fir-Rabat ghandu jsir mic-Chairperson Lino Pace Bonello sabiex jintroduci l-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu. Il-Kumitat qabel.

7.01.3 Is-Sur Lino Pace Bonello issuggerixxa li l-artikli li se jinktibu fil-futur mill-membri tal-Kumitat Amministrattiv ghandu jitnizzel Kumitat Amministrattiv Virtu minnflok l-isem ta' l-individwu li jkun kiteb l-artiklu. Il-Kumitat qabel.

7.02 Is-Sur Christopher Farrugia staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk hargitx xi applikazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-mghodijiet. Mizura 125

7.02.1 Is-Sna. Orietta Masini Cardona qalet li bhalissa fethet Mizura 125. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat ser japplika ghal din il-mizura sabiex jaghtuh €30,000 biex jaghmel it-trejqiet fil-kampanja bil-konkos. Din il-mizura tapplika ghall-Kunsilli Lokali biss u l-Kumitati Amministrattivi ma jistghux japplikaw ghaliha. Hija nfurmat il-laqgha li l-Kunsill lest li jekk hemm xi trejqiet li jaqghu taht il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu, il-Kunsill qed jaghtihom ic-cans li jelenkawhom.

7.02.2 Is-Sur Christopher Farrugia qal li zewg mghodijiet li nistghu napplikaw ghalihom huma il-moghdija li taghti mill-Kastell tal-Virtu ghall-Wied ta' l-Isqof u l-moghdija fi Triq Godwin Ganado, fejn kien hemm ix-xatba mwahhla illegalment. Din il-mghodija tinsab imharrbta u kollha haxix hazin. Il-Kumitat qabel.

7.02.3 Is-Sna. Orietta Masini Cardona ser tghaddi dawn iz-zewg suggerimenti lill-Kunsill, pero` d-decizjoni finali dwar liema mghodijiet ghandna napplikaw ghalihom ser johodha l-Kunsill.

7.03 Is-Sur Christopher Farrugia irrimarka li hemm 'stop sign' fuq arblu fi Triq Godwin Ganado ma' Triq Francesco Azopardi li ccarat u li hemm bzonn li tinbidel.

7.04 Is-Sna. Orietta Masini Cardona nfurmat il-laqgha li f'Dicembru ghandha ssir il-laqgha annawali tal-Kunsill. Hija ssuggeriet li l-laqgha annwali tal-Kumitat Amministrattiv issir ma' tal-Kunsill. Il-Kumitat qabel li ssir laqgha wahda konqunta. Laqgha Annwali

**8.00 Aggornament**

8.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar is-6 Diċembru 2011 fis-6.30 p.m. Aggornament

8.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m.

**Lino Pace Bonello**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**